MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1965/2002

***Gasan Mamo Insurance Agency Ltd***

***vs***

***(1)Henry Peresso f'ismu proprju u f'isem is-socjeta' (2) Peresso Printing Press Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Awissu, 2002, fejn intalab li l-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn u tlieta u sebghin liri Maltin u tlettax-il centezmu (Lm1273.13c) rappresentanti prezz ta' premia fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici ad inkarigu tal-konvenut u mhux imhallsa, skond kif jidher mill-prospett anness ma' l-avviz immarkat bhala Dokument A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-22 ta' Marzu 2002 (esibita u mmarkata bhala Dokument B) u bl-

imghaxijiet legali mid-data ta’ l-ahhar *invoice* kontra l-konvenuti jew min minnhom.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati baqghu ma dehrux u l-anqas ma pprezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Michael Zammit Maempel ghas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf mitejn u tlieta u sebghin liri Maltin u tlettax-il centezmu (Lm1273.13c) kif ukoll l-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-ahhar *invoice*.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tat-22 ta’ Marzu 2002, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**